# Animazzjoni -Ir-Raba' Ħadd tar-Randan (Sena Ċ)

**Dhul:**

In-Nisrani vera qatt ma' għandu jibża' iwieġeb għall-istediniet tal-Mulej. Dan għaliex Alla hu fidil f'dak li jwiegħed. Din hija l-istedina tar-Raba' Ħadd tar-Randan: li nibnu rabta personali mal-Mulej u nafdaw fih.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Il-Liturġija tal-Kelma ta' dan il-Ħadd, tenfasizza ħafna fuq l-imħabba u l-indiema. Il-parabbola tal-iben il-ħali turina li l-Missier huwa dejjem b'idejh miftuħa lest li jilqgħana lura għandu. Din l-imħabba dehret b'mod immens fil-mewt ta' Kristu fuq is-salib. Hemm huwa refa' fuqu d-dnubiet tagħna bla ma qagħad jgħoddhom.
Nisimgħu il-Kelma ta' Alla.

**Salm Responsorjali:** Duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej.

**Offertorju:**

"Ħa nqum u mmur għand missieri." Anke jekk lill-Mulej m' għandna xejn x'noffrulu ejjew noffrulu x-xejn tagħna mal-ħobż u l-inbid li jsir għalina sagrifiċċju fuq l-artal. Ejjew inressqu l-offerti tagħna f'riġlejn l-artal, filwaqt li nkantaw flimkien.

**Tqarbin**

"Duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej." Fit-tqarbin, Alla jagħżel li jsir ħaġa waħda magħna. Min-naħa tagħna, irridu naċċettawh sabiex ninbidlu u nsiru bnedmin ġodda.
Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.